**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2017
Ir-IV Ħadd tal-Għid – Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet
Sena A

**Introduzzjoni**
F'dan ir-Raba' Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex ma nibżgħu qatt inpoġġu t-tama tagħna fil-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 2, 14a.36-41)
Ix-xhieda tal-ewwel appostli kienet akkumpanjata mis-sejħa għall-indiema.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 22 (23), 1-3a. 3b-4. 5. 6.)
Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi: xejn ma jonqosni
*jew*
Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Piet 2, 20b-25)
Permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu, Ġesù reġa' għaqqadna miegħu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 10, 1-10)
Ġesù huwa l-bieb ewlieni li jwassal għall-ħajja bil-kotra.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal ġid kollu li jagħmel magħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Kull darba li nersqu biex nirċievu lil Ġesù fl-Ewkaristija, inġeddu l-għaqda tagħna miegħU.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.